# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' DIĊEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 390/2018 RGM**

**Bartoli Brothers Limited**
**v.**
**Pizza Factory Limited**
**Simon Grima**
**Mark William Grima**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' April 2018 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta' attriċi talbet li l-Qorti (i) tiddikjara li l-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' €64,534.12 rappreżentanti ħlas għal prodotti u/jew servizzi provduti lill-konvenuti fuq inkarigu tagħhom stess; (ii) tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lis-soċjeta' attriċi l-ammont imsemmi ta' €64,534.12 bl-imgħax kummerċjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż

2. Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-konvenuti ppreżentata fl-24 ta’ Lulju 2018 li permezz tagħha laqgħu għat-talbiet attriċi billi resqu l-eċċezzjonijiet segwenti: (i) illi ma hemm assolutament l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta’ attriċi u l-konvenuti Simon Grima u Mark William Grima personalment u li għalhekk għandhom jiġu meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) illi s-soċjeta’ konvenuta ma hiex debitriċi tas-soċjeta’ attriċi fis-somma reklamata partikolarment iżda mhux limitatament tal-imgħax mitlub; (iii) il-konvenuti Simon Grima u Mark William Grima ma għandhom iħallsu xejn lis-soċjeta’ attriċi; u (iv) it-talbiet huma infondatai fil-fatt u fid-dritt.

3. Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

4. Rat il-provvediment tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fl-ismijiet **Tamamu Co. Ltd. v. Pizza Factory Company Ltd** mogħti fil-31 ta’ Ottubru, 2019 li permezz tiegħu dik il-Qorti iddekretat kif ġej:

   *Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi hekk :- Tiddikjara illi l-kumpannija intimata Pizza Factory Company Limited (C-51901) mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha abbazi tal-Art. 214(2)(a)(ii) u tal-Art. 214(5)(b) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

   *Tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata Pizza Factory Company Limited (C-51901) b`effett mit-18 ta` Dicembru 2014 skont l-Art. 214(2)(a)(ii) u l-Art. 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna wkoll l-istralc taghha.*

   *Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija intimata Pizza Factory Company Limited (C-51901) bis-setghat u bid-dmirijiet li huma previsti u stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, b`dan illi l-istralcjarju ghandu jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sal-31 ta` Jannar 2020.*

*Tordna lill-kumpannija ntimata Pizza Factory Company Limited (C-51901) sabiex tbati l-ispejjez taghha u dawk tar-rikorrenti.*

*Bl-applikazzjoni tal-Art. 236(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lir-rikorrenti u lill-intimata Pizza Factory Company Limited (C-51901) sabiex in solidum bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` l-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju.*

*Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, senjatament l-Art. 3(i) tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 2015/848, tiddikjara li dan tallum huwa procediment li jikkwalifika bhala 'primary proceeding'.*

*Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 23 ta` Jannar 2020 fid-9.00 a.m.*

5. Rat illi b'effett ta' dan il-provvediment li permezz tiegħu is-soċjeta' konvenuta ġiet xolta b'effett mit-18 ta' Diċembru, 2014, l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta tieqaf hawn tant illi l-istess soċjeta' attriċi, fis-26 ta' Mejju, 2021, intavolat rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-proċeduri ta' stralċ fuq imsemmija numru 1144/2014ISB fl-ismijiet Tamamu Company Limited v. Pizza Factory Company Limited fejn qed tirreklama l-ammont ta' €63,034.12 oltre l-imgħax kummerċjali, l-ammont li s-soċjeta' attriċi kienet qed tirreklama kontra s-soċjeta konvenuta fil-kawża odjerna.

6. Bi provvediment mogħti fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2021 din il-Qorti ddekretat illi kienet ser tisma' l-provi limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Grima fejn eċċepew illi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' attriċi u huma personalment.

7. Wara li semgħat il-provi u kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni imsemmija ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar dik l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni li Ma Hemmx Relazzjoni Ġuridika bejn is-Soċjeta' Attriċi u l-Konvenuti Personalment.**

8. Is-soċjeta' attriċi intavolat din il-kawża għaliex fi kliema stess "provdiet prodotti u/jew servizzi lill-intimati in konnessjoni mal-food outlet bl-isem Pizza Factory; Pizza & Pizza Slices Take Away li jinsab fi Triq Santu Wistin f'San Ġiljan, …. Liema food outlet huwa gestit mis-soċjeta' intimata u cioe' Pizza Factory Company Limited u jew mill-intimati l-oħra."

9. Fis-sottomissjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni hawn deċiża s-soċjeta' attriċi tressaq żewġ raġunijiet għaliex ħarket ukoll lill-konvenuti Grima personalment. Fl-ewwel lok tgħid illi fuq l-invoices indirizzati lis-soċjeta' konvenuta kienet tniżżel isem il-konvenut Simon Grima. Fit-tieni lok tgħid illi sa mis-sena 2011 il-kumpanija konvenuta ma kenitx f'qagħada finanzjara li setgħat tonora l-obbligi finanzjarji tagħha u cionostante l-konvenuti Grima baqgħu għaddejjin bin-negozju. Issottomettiet is-soċjeta' attriċi illi dan ix-xenarju jwassal sabiex id-diretturi jinżammu responsabbli personalment għad-dejn tal-kumpanija – fi kliem ieħor li l-Qorti tordna l' hekk imsejjaħ 'lifting of the corporate veil'.

10. Dwan din l-aħħar sottomissjoni, qari tal-atti juri illi fir-rikors promotur is-soċjeta' attriċi ma talbitx li l-konvenuti Grima jiġu misjuba responsabbli personalment għad-dejn tal-kumpanija konvenuta peress li komplew jiġġestixxu l-kumpanija konvenuta meta kienu jafu li mhiex f'posizzjoni li tħallas lill-kredituri tagħha.

11. Il-Qorti hi marbuta li tillimita ruħha għall-kontroversja kif arġinata bil-premessi u t-talbiet attriċi kif ukoll bl-eċċezzjonijiet kontra l-istess. Jekk tmur oltre dak mitlub, id-deċiżżjoni tagħha tkun *ultra* jew extra *petita* skond

il-każ (**Carmel Micallef v. Direttur Ġenerali (Dwana)** - Qorti tal-Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023). Minn qari tar-rikors promotur joħroġ biċ-ċar ili mhux minnu li s-soċjeta' attriċi ipproċediet kontra l-konvenuti personalment għaliex qieset illi bi ksur tal-obbligi tagħhom qua diretturi tas-soċjeta' konvenuta saru responsabbli personalment għad-dejn tal-kumpanija. Din hija pretensjoni li tresqet għall-ewwel darba mis-soċjeta' attriċi fil-fażi konklusiva tat-trattazzjoni tal-kawża u ma hemm l-ebda talba f'dan is-sens Dan huwa konfermat mhux biss mill-fatt illi fir-rikors promotur ma hemm xejn li remotament jista' jitqies bħala talba marbuta ma' "lifting of the corporate veil", talli t-tentativ tas-soċjeta' attriċi inizjali kien li din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12. Dwar dan l-aspett m'hemmx ħtieġa li l-Qorti tissofferma ruħha aktar u għalhekk tqis tali sottomissjoni tas-soċjeta' attriċi bħala kompletament irrilevanti għall-mertu tal-kawża odjerna.

12. Is-soċjeta' attriċi tikkontendi wkoll illi l-kreditu tagħha ma hux biss kontra s-soċjeta' konvenuta iżda huwa wkoll kontra d-diretturi tagħha personalment peress illi l-invoices li kienet toħroġ ma kienux indirizzati biss lis-soċjeta konvenuta iżda wkoll lill-konvenut Simon Grima.

13. Dwar jekk il-konvenuti Grima humiex personalment responsabbli għad-dejn indikat fil-fatturi peress li fuqhom kien jitniżżel mhux biss isem il-kumpanija konvenuta iżda wkoll isem il-konvenut Simon Grima, il-Qorti tagħmel dawn il-konsiderazzjonoijiet.

**14.** L-invoices u l-kontijiet li kienet toħroġ is-soċjeta attriċi mill-31 ta' Mejju 2011 'il quddiem kienu indirizzati hekk:

**PIZZA FACTORY**
C/O PIZZA FACTORY CO LTD -
Mr SIMON GRIMA
SANTU WESTIN
ST JULIANS[1]

Jew

[1] Ara invoices minn fol. 275 sa fol. 480

**PIZZA FACTORY**
**C/O PIZZA FACTORY CO LTD -**
Mr SIMON GRIMA
SANTU WESTIN
ST JULIANS

15. Bħala punt tat-tluq rilevanti jiġi osservat illi il-vertenza in dizamina mhiex waħda fejn merkanzija ġiet konsenjata lil soċjeta' u l-fatturi inħarġu fuq isem ħaddieħor. Mill-provi jirriżulta illi l-prodotti jew servizzi relatati mal-industrija tal-*catering* provduti mis-soċjeta' attriċi ġew mibjugħa u kkonsenjati jew mogħtija lis-soċjeta' konvenuta Pizza Factory Co. Ltd u mhux lill-konvenuti Grima personalment. Dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet.

16. Fit-tieni premessa tar-rikors promotur jingħad testwalment illi dawn il-prodotti/servizzi ġew konsenjati u provduti fil-"food outlet" bl-isem Pizza Factory; Pizza & Pizza Slices Take Away li jinsab fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan. Il-provi dokumentarji kollha juru illi dan il-ħanut kien ġestit mis-soċjeta' konvenuta Pizza Factory Co. Ltd u mhux mill-konvenuti Grima personalment. Li l-attriċi tqis il-kumpanija konvenuta bħala d-debitriċi prinċipali tagħha joħroġ ukoll mill-fatt illi fil-proċeduri tal-istralċ u likwidazzjoni tas-soċjeta' konvenuta, is-soċjeta attriċi interveniet billi qed tirreklama f'dawk il-proċeduri l-ammont li hija tippretendi huwa lilha dovuti mis-soċjeta' konvenuta. (ara kopja tar-rikors tas-soċjeta attriċi fil-proċeduri nru 1144/2014ISB a fol. 1056 tal-proċess).

17. L-<u>awditur tas-soċjeta' konvenuta, Charles Scerri,</u> prodott mis-soċjeta' attriċi xhed dwar l-attivita' tas-soċjeta' konvenuta u l-awditjar li għamel tal-kotba tagħha għal sena waħda biss (ara ir-rapport tal-awditur a fol. 1137 et seq tal-proċess għas-sena 2011). Din hija konferma oħra li n-negożju ġestit fl-*outlet* fejn il-merkanzija ġiet kkonsenjata mis-soċjeta' attriċi huwa negozju li kien tas-soċjeta' konvenuta u mhux tal-konvenuti personalment.

18. Jibqa' jiġi kkunsidrat għall-finijiet tal-eċċezzjoni hawn in dizamina il-leġittimita' passiva tal-konvenuti Grima personalment, jekk bil-fatt li isem il-konvenut Simon Grima huwa mniżżel fuq il-fatturi li kienet toħroġ is-soċjeta' attriċi indirizzati lis-soċjeta' konvenuta joħloqx releazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut Simon Grima personalment.

19. Il-prinċipji ġenerali dwar il-personalita` ġuridika ta' soċjeta` kummerċjali jgħallmu illi soċjeta` bħal dik għandha personalita` ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha. (**Alfred Galea et. v. Saviour Pisani** - Prim' Awla - 12 ta' April, 2018)

20. Gordon Bartoli, direttur tas-soċjeta' attriċi, xhed permezz ta' affidavit.[2] Spjega kif kienu jissuplixxu prodotti tal-ikel ġewwa l-fond kummerċjali "Pizza Factory" fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan li kien immexxi mill-konvenuti Mark u Simon Grima. Jgħid illi l-konvenuti Grima dejjem assigurawh li kienu ser iħallsu l-ammonti kollha dovuti. Għalhekk jgħid li issa kien sorpriż kif fil-kawża qed jgħidu li ma għandhom iħallsu xejn. In kontro-eżami[3] jikkonferma illi qatt ma kien ġie ffirmat ftehim bil-miktub dwar ir-relazzjoni kummerċjali bejn l-attriċi u l-konvenuti. Dwar il-prospett ippreżentat mis-soċjeta' attriċi dwar l-ammont reklamat jgħid hekk:

> "Dr. Keith Borg: And am I also correct that all the invoices that formed part of that statement were levelled against Pizza Factory Company LTD
> Gordon Bartoli: Yes
> Dr. Keith Borg: So, basically if the invoices which formed part of that statement where all levelled against Pizza Factory Company LTD,

[2] Fol. 77 et. seq.

[3] Fol. 81 et. seq.

would you be in a position to explain why this lawsuit was also filed against Mark and Simon Grima in their personal name?
Gordon Bartoli: Because they were acting on behalf of the companies work
Dr. Keith Borg: So, that is the sole reason because they were acting on behalf of the company
Gordon Bartoli: I mean I have always dealt with Mark and Simon
Dr. Keith Borg: But that is your reply because they were acting on behalf of the company?
Gordon Bartoli: Yes
[…]
Dr. Keith Borg: Mr. Bartoli clients of your company such as Pizza Factory do they enjoy any form of credit terms please?
Gordon Bartoli: Yes
Dr. Keith Borg: Can you tell us the number of days of credit which they afford
Gordon Bartoli: It depends on the client
Dr. Keith Borg: In this case
Gordon Bartoli: The agreements we had started on 30 days and it went up to 60 days, then it went higher and higher
Dr. Keith Borg: Okay, my question is the 30 days, 60 days and then going on higher and higher, are these calculated in the number of days which are being represented in document B?
Gordon Bartoli: The interest are calculated in January, so 4 months or 5 months"

21. Pierre Bonnici, ic-Chief Financial Officer tas-soċjeta' attriċi xhed[4] u pprepara rapport dettaljat dwar il-kreditu dovut lis-soċjeta' attriċi, Dok BB u li jinsab minn fol. 98 sa fol. 500. Minn dan id-dokument huwa evidenti li s-soċjeta' attriċi dejjem ikkonsidrat illi d-dejn huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta u mhux mill-konvenuti personalment.

22. Rilevanti wkoll l-iskambju permezz ta' messaġġi li għadda bejn Gordon Bartoli, għan-nom tas-soċjeta' attriċi, u Simon Grima, direttur tas-soċjeta'

[4] Fol. 90

konvenuta, dwar il-possibilita' li jiġi ffirmat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu dwar l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta.[5] Fil-fatt l-abbozz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ġie redatt min-Nutar Dr Jean Carl Debono kopja ta' liema abbozz tinsab eżebita a fol. 160 et seq. tal-proċess. Il-kontenut tiegħu huwa indikazzjoni ta' dak li kienu qed jiddiskutu Bartoli u Grima dwar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fis-sens illi filwaqt li jiġi kristalizzat id-dejn dovut mis-soċjeta' konvenuta favur is-soċjeta' attriċi, soċjeta' oħra tal-konvenuti Grima, Entertainments Limited, kellha tidħol garanti in solidum flimkien mas-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tal-kreditu dovut lis-soċjeta' attriċi. Għalkemm dan l-abbozz baqa' ma ġiex iffirmat, jirrifletti dak li l-partijiet kienu qed jiddiskutu sabiex isibu tarf tal-vertenza ta' bejniethom.

23. Tenut kont illi l-kreditu dovut lis-soċjeta' attriċi ma hux kreditu naxxenti minn bejgħ u konsenja ta' merkanzija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti Grima personalment, l-unika mod kif il-konvenuti Grima setgħu jitqiesu li huma debituri *in solidum* mas-soċjeta' konvenuta huwa billi jassumu fuqhom l-obbligi ta' garanti solidali. **Artikolu 1925 tal-Kapitolu 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu." Jekk il-garanzija ma ssirx bil-miktub allura hija nulla (ara. **Paolo Inguanez vs Joseph Cremona** - Qorti tal-Appell

[5] Kopja tal-messaġġi minn fol. 966 sa fol. 1016

- 25 ta' Ottubru 1954). L-ebda garanzija bil-miktub ma hi ffirmata mill-konvenuti Grima favur is-soċjeta' attriċi.

24. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi bil-fatt li fuq il-fatturi, taħt isem is-soċjeta' konvenuta hemm isem il-konvenut Simon Grima personalment, ma hux ekwivalenti għal assunzjoni ta' garanti tad-dejn tal-kumpanija konvenuta. Kif rajna aktar qabel, Gordon Bartoli stess xhed illi l-konvenuti Grima dejjem aġixxew f'isem il-kumpanija konvenuta.

25. Jekk is-soċjeta' attriċi riedet li l-konvenuti personalment ikunu responsabbli personalment għall-konsenji u servizzi prestati mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta, kellha almenu tinsisti illi qabel tħalli d-dejn jitla għall-ammonti hawn reklamati, titlob lill-konvenuti Grima jiffirmaw dak li fil-qasam tal-kummerċ huwa magħruf bħala "credit application form" fejn jiġi indikat min qed jidħol garanti tad-dejn li ser jakkumula. Minn dan kollu ma għamlet xejn u minflok l-ewwel ħalliet il-kreditu jimmultiplika, imbagħad ippruvat li jiġi ffirmat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u meta dak ma seħħx fittxet lid-diretturi tas-soċjeta' konvenuta personalment flimkien mas-soċjeta' konvenuta. Mill-atti jirriżulta li l-konvenuti Grima la huma d-debituri prinċipali tas-soċjeta' attriċi u lanqas huma l-garanti solidali flimkien mas-soċjeta' konvenut. Għalhekk ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti Grima personalment (ara **Anthony Farrugia Company Limited vs Wallace Fino et**. - Qorti tal-Appell - 17 ta' Ġunju 1991; **Farsons Beverage Imports Company Limited vs Erom Trading Limited** - Prim' Awla - 11 ta' Marzu 2015)

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

1. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Simon Grima u Mark William Grima, tiddikjara illi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti Grima personalment.

2. **Tiċħad** it-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-konvenuti Grima personalment.

3. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra s-soċjeta' konvenuta in vista tal-provvediment tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fl-ismijiet Tamamu Co. Ltd. v. Pizza Factory Company Ltd mogħti fil-31 ta' Ottubru, 2019 li permezz tiegħu dik il-Qorti ordnat ix-xoljiment tas-soċjeta' konvenuta Pizza Factory Company Limited b'effett mit-18 ta' Diċembru, 2014.

   **Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta' attriċi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Diċembru, 2023

**Deputat Reġistratur**